



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.7.2006
KUMM(2006) 427 finali

2006/0147 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE

{SEC(2006) 1042}

{SEC(2006) 1043}

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Id-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE, tistabbilixxi d-definizzjoni ta' ħwawar, ir-regoli ġenerali għall-użu tagħhom, ir-rekwiżiti għall-ittikkettar u l-livelli massimi għas-sustanzi li jqajmu tħassib għas-saħħa tal-bniedem. Tipprevedi li l-Leġiżlazzjoni Komunitarja li għandha x'taqsam mal-ħwawar għandha tqis prinċipalment ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem.

Id-Direttiva jeħtieġ li tiġi emendata b'mod sostanzjali, sabiex tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi fil-qasam tal-ħwawar. Barra dan, minħabba l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sikurezza ta' l-ikel, hemm il-ħtieġa li ċerti dispożizzjonijiet jiġu adattati u oħrajn jeħtieġ li jiġu introdotti b'mod ġdid.

Fl-interess taċ-ċarezza u ta' l-effiċjenza, id-Direttiva 88/388/KEE qiegħda tiġi sostitwita bil-proposta preżenti.

Proposta għal Regolament ġdid dwar Ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, bħala parti mill-pakkett dwar l-Aġenti għat-Titjib ta' l-Ikel, hija inkluża fil-Programm ta' Ħidma Leġiżlattiv tal-Kummissjoni ta' l-2005.

- Il-kuntest ġenerali

L-Artikolu 1 tad-Direttiva 88/388/KEE jillimita l-ambitu tagħha għall-ħwawar. Madankollu, permezz ta' l-Artikolu 4 (c), jiġu stabbiliti livelli massimi għal ċerti sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel li fih il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir. L-Istati Membri japplikaw dawn il-livelli massimi b'mod differenti: uħud japplikawhom għal ikel li fih ħwawar biss; oħrajn japplikawhom għal ikel li fih kemm ħwawar kif ukoll ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.

Il-livelli massimi għandhom ukoll jiġu adattati biex iqisu l-opinjoni xjentifiċi reċenti ta' l-EFSA.

Il-Kumitat ta' l-Esperti tas-Sustanzi tat-Taħwir tal-Kunsill ta' l-Ewropa ppropona kondizzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħwawar għall-ipproċessar u l-livelli massimi għal ċerti sustanzi li mhumiex mixtieqa.

L-użu tat-terminu 'naturali-identiku' jitqies mill-konsumatur bħala li joħloq konfużjoni. Barra dan, il-konsumaturi jitolbu li jkunu informati dwar is-sors tal-ħwawar naturali. L-użu tat-terminu 'naturali' għandu jkun ristrett għall-ħwawar li jinkisbu b'mod esklużiv minn sustanzi ta' taħwir naturali u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir. Il-konsumaturi jridu jkunu informati jekk it-togħma ta' affumikat ta' l-ikel hiex minħabba l-preżenza ta' ħwawar bl-

affumikazzjoni.

Il-proposta ġiet ippreżentata f'pakkett ta' "Aġenti għat-Titjib ta' l-Ikel", flimkien ma' Regolamenti dwar l-addittivi ta' l-ikel, l-enzimi ta' l-ikel u dwar proċedura uniformi għall-awtorizzazzjoni tagħhom.

- Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Id-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom, tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li huma applikabbli għall-ħwawar li jintużaw fl-ikel:

- Tipprovdi definizzjonijiet għall-ħwawar, għas-sustanzi ta' taħwir, għall-preparazzjonijiet ta' taħwir, għall-ħwawar għall-ipproċessar u għall-ħwawar bl-affumikazzjoni;
- Tirrestrinġi ż-żieda u l-preżenza ta' ċerti sustanzi, li huma rilevanti mill-aspett tossikoloġiku, fi ħwawar u/jew ikel li ġew miżjuda miegħu il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;
- Tipprovdi regoli għall-ittikkettar tal-ħwawar li huma maħsuba għall-bejgħ bħala tali lill-manifatturi ta' l-ikel u għall-bejgħ bħala tali lill-konsumaturi finali.
- Titlob l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet iktar speċifiċi dwar sorsi ta' taħwir, sustanzi ta' taħwir, ħwawar għall-ipproċessar, ħwawar bl-affumikazzjoni u metodi ta' produzzjoni kif ukoll dwar addittivi, solventi u għajnuniet għall-ipproċessar li jintużaw għall-ħwawar, metodi ta' analiżi u ta' teħid ta' kampjuni kif ukoll kriterji ta' purità u kriterji mikrobijoloġiċi.

Bħala konsegwenza ta' l-aħħar inċiż, ġiet adottata l-leġiżlazzjoni li ġejja:

1. Ġiet adottata proċedura biex tkun stabbilita lista pożittiva ta' sustanzi ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel bħala r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 2232/96. Il-lista pożittiva għandha tiġi adottata sa Lulju 2005.
2. Ir-Regolament (KE) Nru. 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel.
3. Id-Direttiva 2003/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda d-Direttiva 95/2/KE dwar addittivi ta' l-ikel minbarra kuluri u hlewriet.

- Il-konsistenza ma' politiki oħra

L-għanijiet tal-politika li jridu jintlaħqu huma:

- il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-interessi tal-konsumaturi
- li jinħoloq qafas ċar li jippermetti l-innovazzjoni u jagħti l-possibbiltà li jkun hemm żviluppi teknoloġiċi ġodda, sabiex l-industrija Ewropea tkun tista' żżomm il-pożizzjoni tagħha ta' tmexxija fil-qasam tal-ħwawar

Konsegwentement, dawn l-għanijiet se jikkontribwixxu għall-għanijiet strateġiċi tal-Kummissjoni kif inhuma stabbiliti fl-Istrateġija ta' Liżbona, fil-pjan ta' ħames snin tal-Kummissjoni u fil-*White Paper* tal-Kummissjoni dwar is-Sikurezza fl-Ikel li ġiet ippubblikata fl-2000.

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi prinċipali mmirati u profil ġenerali ta' min wieġeb

L-opinjoni ta' l-Istati Membri u tal-partijiet interessati kienet ivvalutata permezz ta' konsultazzjonijiet fi gruppi ta' ħidma differenti u waqt kuntatti bilaterali fejn ġew diskussi d-dokumenti tax-xogħol.

Barra dan, kien iċċirkolat kwestjonarju biex isiru mistoqsijiet lil partijiet interessati differenti

Fost l-organizzazzjonijiet interessati involuti kien hemm:

Il-BEUC (L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumaturi)

Iċ-CAOBISCO (L-Assoċjazzjoni ta' l-Industriji taċ-Ċikkulata, tal-Gallettini u tal-Ħelu ta' l-UE)

Iċ-CEPS (*Comité Vins, Confédération Européenne des Producteurs de Spiritueux* – L-Organizzazzjoni Ewropea ta' l-Ispirti)

Is-CIAA (Il-Konfederazzjoni ta' l-Industriji ta' l-Ikel u tax-Xorb ta' l-UE)

L-EACGI (L-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Industrija taċ-Ċjuwing-ġamm)

L-EDA (L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Prodotti tal-Ħalib)

L-EFFA (L-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Taħwir u l-Fwejjaħ)

L-EHGA (L-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Min Ikabbar il-Ħxejjex)

L-EHIA (L-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Infużjoni tal-Ħxejjex)

L-ESA (L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Ħwawar)

Il-FIC Ewropa (L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kondimenti)

L-SFMA (L-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tal-Ħwawar bl-Affumikazzjoni)

Sommarju tar-risponsi u kif tqiesu.

Wara kull konsultazzjoni, tqiesu l-kummenti u ġew adattati t-testi. Jeżisti kunsens ġenerali dwar il-proposta. Ir-risponsi wara l-konsultazzjonijiet finali nġabru fil-qosor:

1. Il-kjarifika ta' l-ambitu.

Hemm qbil ġenerali li d-diskrepanzi bejn l-Istati Membri se jiġu evitati.

2. Id-definizzjonijiet tal-ħwawar

2.1 Ir-restrizzjoni fl-użu tat-terminu naturali

M'hemm l-ebda unanimità dwar l-impatt tad-definizzjoni l-ġdida ta' sustanzi ta' taħwir li m'għadx tagħmel iktar distinzjoni bejn sustanzi ta' taħwir naturali identiċi u daww artifċjali.

L-argumenti favur huma li: tevita l-konfużjoni; tiriserva t-terminu naturali għall-prodotti li huma tassew naturali; m'hemm l-ebda bażi tossikoloġika biex issir din id-differenza, u hija piż amministrattiv żejjed. It-tħassir ta' dan it-terminu se jissemplifika l-leġiżlazzjoni.

L-argumenti li mhumieq favur għandhom x'jaqsmu, b'mod speċjali, mal-fatt li l-leġiżlazzjoni vertikali, li ma tippermettix ħwawar artifċjali f'ċerti kategoriji ta' l-ikel, se jkun meħtieġ li tiġi emendata.

2.2 L-introduzzjoni tal-kategorija "Ħwawar oħrajn"

Il-kumpaniji li qegħdin jiżviluppaw ħwawar ġodda huma favur din il-kategorija għaliex tagħti l-opportunità li jiġu żviluppati ħwawar ġodda li mhumieq koperti mid-definizzjonijiet l-oħra.

L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi huma favur peress illi toħloq iktar trasparenza u tiżgura l-ħarsien tas-sikurezza.

3. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-ittikkettar

3.1 L-ispejjeż ta' l-ittikkettar

L-impatt possibbli tad-dispożizzjonijiet il-ġodda jitqies bħala wieħed limitat. L-introduzzjoni ta' perjodu tranżitorju jista' jillimita l-ispejjeż possibbli.

3.2 L-informazzjoni għall-konsumatur

L-Istati Membri kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-Konsumaturi huma tal-fehma li l-proposta se twassal għal informazzjoni aħjar għall-konsumatur dwar in-natura tal-ħwawar użati.

L-industrija ta' l-ikel, u b'mod speċjali l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, huma inqas entużjasti jew saħansitra kontra din id-dispożizzjoni l-għdida għall-ittikkettar.

4. Il-livelli massimi għas-sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku

Il-kontrolli mill-Istati Membri se jkunu iktar effiċjenti għaliex se jiffokaw fuq oġġetti ta' l-ikel li l-iktar li jikkontribwixxu għall-konsum ta' sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku u mhux iktar għall-oġġetti ta' l-ikel u għax-xorb b'mod ġenerali

5. Il-monitoraġġ tal-konsum

L-Istati Membri huma mħassba li se jkunu meħtieġa riżorsi żejda għall-monitoraġġ tal-konsum tas-sustanzi li huma elenkati fl-Anness II u tas-sustanzi li għalihom ġew stabbiliti restrizzjonijiet fuq l-użu.

- Il-ġbir u l-użu ta' pariri esperti

Ma kienux meħtieġa pariri esperti esterni.

- Il-valutazzjoni ta' l-impatt

L-impatti mistennija fuq l-għażliet differenti jikkonċernaw aspetti Ekonomiċi u Soċjali. Mhumex mistennija impatti ambjentali mill-għażliet differenti meqjusa.

1. L-ebda azzjoni

1.1 L-impatt ekonomiku

Is-sitwazzjoni ekonomika se ssir negattiva:

Ma jiġux imħeġġa żviluppi teknoloġiċi ġodda.

Huma meħtieġa dispożizzjonijiet ċari li jqisu l-aħħar żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi sabiex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali ma' pajjiżi terzi.

L-industrija Ewropea tista' titlef il-pożizzjoni ta' tmexxija tagħha fis-suq globali.

1.2 L-impatt soċjali

Is-saħħa tal-konsumaturi mhix imħarsa sew għaliex:

Il-livelli massimi tas-sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku ma jqisux l-aħħar opinjonijiet xjentifiċi.

Il-livelli massimi tas-sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku fl-ikel u fix-xorb b'mod ġenerali ma jaħsbux għal kontroll imsejjes fuq ir-riskju.

It-talba tal-konsumaturi għal ittikkettar li jkun fih iktar informazzjoni ma ġietx sodisfatta.

2. L-azzjoni mhux leġiżlattiva

2.1 L-impatt ekonomiku

Bħalissa ninsabu f'sitwazzjoni fejn hemm leġiżlazzjoni dwar il-ħwawar. Il-linji ta' gwida ma jannullawx il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni kontradittorja u konfuża għall-industrija li bħala konsegwenza jkollha impatt ekonomiku negattiv.

2.2 L-impatt soċjali

Il-linji ta' gwida jistgħu jikkontradixxu l-leġiżlazzjoni eżistenti u għalhekk mhumix l-iktar mod effiċjenti biex tkun imħarsa s-saħħa tal-konsumatur.

Sitwazzjoni legali li mhix ċara se tirriżulta f'telf fil-kunfidenza tal-konsumatur dwar l-użu tal-ħwawar.

3. Id-deregolazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħwawar

3.1 L-impatt ekonomiku

Dan jista' jwassal għas-sitwazzjoni fejn kull Stat Membru jagħmel ir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu stess. Billi l-perċezzjoni tar-riskji, bejn l-Istati Membri, tista' tkun differenti dan għandu jirriżulta f'funzjonament mhux effettiv tas-suq intern.

3.2 L-impatt soċjali

Id-differenzi fil-metodu bejn l-Istati Membri għall-valutazzjoni tas-sikurezza se jwasslu għal sitwazzjoni konfuża għall-konsumaturi, b'livelli differenti ta' ħarsien u nuqqas ta' kunfidenza f'ċerti Stati Membri u fis-suq intern.

4. L-emendi għad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE

4.1 L-impatt ekonomiku

L-introduzzjoni ta' l-emendi meħtieġa fid-Direttiva effettiva għandu jkollha impatt ekonomiku ta' ġid kif jiġi spjegat fil-punt

5.

Il-bidliet fl-Annessi I u II u dispożizzjonijiet oħra għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-kummerċ xorta jkunu jridu jiġu introdotti permezz ta' ko-deċiżjoni. Madankollu hija meħtieġa proċedura ta' awtorizzazzjoni iktar effiċjenti għall-ġestjoni ta' lista pożittiva li fiha madwar 2600 sustanza ta' taħwir biex jintużaw fl-ikel u fuq l-ikel.

L-ammont tal-bidliet meħtieġa jista' jwassal għal leġiżlazzjoni li mhix ċara.

4.2 L-impatt soċjali

Huma mistennija impatti pożittivi fuq is-saħħa pubblika minħabba sistema komprensiva għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-ħwawar, minħabba l-adattament tal-livelli massimi tas-sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku, minħabba l-aħħar opinjoni xjentifika u billi jitħallew il-kontrolli ta' dawk is-sustanzi f'ikel bl-ikbar riskju.

5. Il-proposta għal Regolament ġdid.

5.1 L-impatt ekonomiku

5.1.1 L-impatt fuq ir-rekwiżiti amministrattivi li ġew imposti fuq il-kummerċ

It-tneħħija tad-distinzjoni bejn sustanzi ta' taħwir Naturali Identiċi u Artifiċjali, it-tnejn li huma sintetizzati b'mod kimiku, se tirriżulta f'inqas rekwiżiti amministrattivi billi jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet fl-Istati Membri kollha.

Se jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali biex ikun hemm konformità mal-bidliet proposti għall-ittikkettar tal-ħwawar. Madankollu, dawn se jkunu biss temporanji, sakemm it-tikketti jinġiebu skond ir-rekwiżiti l-ġodda. Barra dan, l-isforzi huma limitati meta mqabbla mat-trasparenza addizzjonali miksuba u meqjusa pożittiva mill-konsumatur.

Sabiex ikunu llimitati l-isforzi u l-ispejjeż involuti, qiegħed jiġi propost perjodu tranżitorju biex ikun hemm adattament għar-rekwiżiti l-ġodda ta' l-ittikkettar.

5.1.2 L-impatt fuq l-innovazzjoni u r-riċerka

Id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-użu u l-awtorizzazzjoni tal-ħwawar jiċċaraw meta jkun hemm il-ħtieġa li tiġi evalwata s-sikurezza tal-ħwawar. Ċerti ħwawar, b'definizzjoni, huma eżenti mill-evalwazzjoni. Dan se jippermetti lill-industrija biex tistma b'mod aktar korrett l-ispejjeż ta' l-iżvilupp ta' ħwawar ġodda.

Il-proposta tispjefika wkoll x'tip ta' preparazzjonijiet jistgħu jiġu aċċettati biex ikunu jistgħu jiġu ttikkettati bħala naturali. Dan huwa importanti biex ikunu żviluppati u prodotti aktar ħwawar naturali ġodda.

L-introduzzjoni tal-kategorija "ħwawar oħrajn" titqies bħala pożittiva għall-innovazzjoni u għar-riċerka. Jekk jiġu żviluppati kategoriji ġodda ta' ħwawar, dawn jistgħu jiġu awtorizzati sakemm is-sikurezza tagħhom tkun ġiet evalwata.

5.1.3 L-impatt fuq il-familji

Il-konsumatur se jkun informat aħjar dwar in-natura tal-ħwawar li huma preżenti fl-ikel.

Mhux mistenni li r-Regolament propost se jaffettwa l-prezzijiet ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

5.1.4 L-impatt fuq pajjiżi terzi u r-relazzjonijiet internazzjonali

Din il-proposta se tarmonizza aktar il-leġislazzjoni dwar il-ħwawar u se toħloq suq uniformi fi ħdan l-UE u prevedibbiltà għall-importaturi.

L-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-ħwawar se tpoġġi lill-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni aħjar meta tkun qed tinnegozja ma' pajjiżi terzi dwar l-introduzzjoni tal-ħwawar fis-sistema *Codex Alimentarius*.

Il-Komunità Ewropea se tkun tista' żżomm il-pożizzjoni tagħha ta' tmexxija bħala produttur u żviluppatur tal-ħwawar

5.1.5 L-impatt fuq l-Awtoritajiet pubbliċi

Il-kontrolli mill-Istati Membri se jkunu iktar effiċjenti minħabba li se jiffokaw fuq oġġetti ta' l-ikel li l-iktar li jikkontribwixxu għall-konsum ta' sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku.

F'dawk il-pajjiżi fejn jeżistu ċerti kategoriji ta' ikel li magħhom jistgħu jiġu miżjuda biss sustanzi ta' tawir naturali jew naturali identiċi, il-leġislazzjoni nazzjonali se jkollha tiġi adattata. Madankollu, din is-semplifikazzjoni se twassal għal inqas rekwiżiti amministrattivi.

L-Istati Membri huma mħassba li għall-monitoraġġ tal-konsum tas-sustanzi li ġew elenkati fl-Anness II u tas-sustanzi li għalihom ġew stabbiliti restrizzjonijiet fuq l-użu, se jkunu meħtieġa ritorsi żejda. Madankollu dan huwa

essenzjali sabiex ikun żgurat li r-regolament se jkun effettiv għall-ħarsien tas-saħħa tal-konsumaturi.

L-Istati Membri ma tawniex l-informazzjoni dwar ir-riżorsi meħtieġa. L-impatt għall-monitoraġġ speċifiku tal-konsum tal-ħwawar jista' jtnaqqas b'mod sinifikanti billi dan il-monitoraġġ jiġi organizzat flimkien mal-monitoraġġ tal-konsum ta' l-addittivi li diġà huwa mitlub mil-leġislażżjoni ta' l-UE.

5.2 L-impatt soċjali

Huma mistennija impatti pożittivi fuq is-saħħa pubblika minħabba sistema komprensiva ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-ħwawar fuq livell Komunitarju.

Il-kontroll tal-limiti għas-sustanzi li jqajmu tħassib tossikoloġiku se jiffoka fuq ikel li għandu l-ogħla riskju, li se jirriżulta f'ħarsien iktar effiċjenti tas-saħħa tal-konsumaturi.

Il-konklużjonijiet tal-monitoraġġ tal-konsum jistgħu jintużaw biex tiġi adattata l-leġislażżjoni meta jkun jidher li l-konsum iqajjem tħassib dwar is-sikurezza.

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni ta' l-impatt elenkat fil-Programm ta' Ħidma, li r-rapport tiegħu huwa aċċessibbli minn http://ec.europa.eu/food/food/chemicalsafety/additives/index_en.htm

3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Ir-Regolament se jiżgura b'mod aħjar il-funzjonament effettiv tas-suq intern fejn għandhom x'jaqsmu l-ħwawar użati jew li huma maħsuba għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' tħwir; se jipprovdi l-bażi biex ikun żgurat livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u biex jiġiharsu l-interessi tal-konsumaturi

- Il-bażi legali

L-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

- Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin:

L-azzjoni meħudha mill-Istati Membri biss tista' twassal għal sitwazzjoni ta' konfużjoni għall-konsumaturi, b'livelli differenti ta' ħarsien, u nuqqas ta'

kunfidenza f'ċerti Stati Membri u fis-suq intern.

Azzjoni Komunitarja se tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(ijiet) li ġejja(ġejjin):

Jeħtieġ li tkun amministrata lista pożittiva b'madwar 2600 sustanza ta' taħwir. Huma mistennija madwar 100 applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kull sena. Dan jeħtieġ approċċ armonizzat u ċentralizzat.

L-effiċjenza tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni u l-funzjonament effettiv tas-suq intern se jindikaw li l-għanijiet jintlaħqu aħjar mill-Unjoni.

Il-funzjonament effettiv tas-suq intern fejn għandhom x'jaqsmu l-ħwawar użati fl-ikel u fuq l-ikel, filwaqt li jiġu mħarsa s-saħħa u l-interessi tal-konsumaturi Ewropej. jista' jintlaħaq l-aħjar permezz ta' proċedura għal awtorizzazzjoni ċentralizzata.

Għalhekk il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(ijiet) li ġejja(ġejjin).

Sabiex isir użu aħjar mill-kapaċità ta' kontroll ta' l-Istati Membri u mill-kontrolli organizzati bbażati fuq ir-riskju, il-punt fokali se jkun fuq il-ħwawar u s-sustanzi preżenti fl-ikel li l-iktar li jqajmu tħassib

Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-ħwawar hija limitata biss għas-sustanzi ta' taħwir, għall-preparazzjonijiet li mhumix tradizzjonali u għas-sors li ġej mill-veġetali jew mill-annimali li mhux ikel.

L-ittikkettar obligatorju huwa limitat għall-"ħwawar", għall-"ħwawar bl-affumikazzjoni" u għas-sors tal-ħwawar naturali.

- L-għażla ta' l-istrumenti

L-istrumenti proposti: ir-regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adegwati għar-raġuni(ijiet) li ġejja(ġejjin).

Il-qasam tal-ħwawar kiseb livell għoli ta' armonizzazzjoni permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE. Sabiex jiġi żgurat funzjonament effettiv kontinwu tas-suq intern waqt li jiġu mħarsa s-saħħa tal-bniedem u l-interessi tal-konsumaturi, regolament jitqies bħala l-iktar għodda xierqa.

4) L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-Komunità tista' tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja sabiex jiġi stabbiliti politika u sistema armonizzati fil-qasam tal-ħwawar ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, inkluż:

l-iżvilupp ta' bażi tad-data xierqa għall-ġbir u għaż-żamma ta' l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-ħwawar,

it-tnedija ta' l-istudji meħtieġa għall-preparazzjoni u għall-iżvilupp ta' leġislazzjoni dwar il-ħwawar ta' l-ikel,

it-tnedija ta' l-istudji meħtieġa għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri, tal-kriterji għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għar-rekwiżiti tad-*data*, biex ikun iffaċilitat il-qsim tax-xogħol bejn l-Istati Membri u biex tiġi żviluppata gwida f'dawn l-oqsma.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- Ir-revoka tal-leġislazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġislazzjoni eżistenti.

- Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91, ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw It-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ,

Billi:

- (1) Fid-dawl ta' l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, jeħtieġ li d-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom³ tiġi aġġornata. Fl-interessi tal-ċarezza u ta' l-effiċjenza d-Direttiva 88/388/KEE għandha tiġi sostitwita bir-Regolament preżenti.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/389/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-istabbiliment, mill-Kummissjoni, ta' inventarju tal-materjali u s-sustanzi mis-sors użati fil-preparazzjoni ta' taħwir⁴ tipprevedi l-istabbiliment ta' dak l-inventarju fi żmien 24 xahar mill-adozzjoni tagħha. Dik id-Deċiżjoni issa għadda żmienha u għandha tiġi rrevokata.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/71/KEE tas-16 ta' Jannar 1991 li tikkompleta d-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom⁵ tistabbilixxi r-regoli dwar l-ittikkettar

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU L 184, 15.7.1988, p. 61. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁴ ĠU L 184, 15.7.1988, p. 67.

⁵ ĠU L 42, 15.2.1991, p. 25.

tal-*ħwawar*. Dawn ir-regoli qed jiġu ssostitwiti bir-Regolament preżenti u d-Direttiva issa għandha tiġi rrevokata.

- (4) Il-moviment liberu ta' ikel sikur u sustanzjuż huwa aspett essenzjali tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-saħħa u għall-benesseri taċ-ċittadini, u għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom.
- (5) Sabiex tkun imħarsa s-saħħa tal-bniedem, l-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-*ħwawar*, il-materjali mis-sors għall-*ħwawar* u l-ikel li fih il-*ħwawar*. Għandu jkopri wkoll ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-għan prinċipali li tizzied il-benna u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-preżenza fl-ikel ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa li jseħħu b'mod naturali ('ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir'), il-materjal mis-sors tagħhom u l-ikel li jinstabu fih.
- (6) Il-*ħwawar* u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti *ħwawar* għandha ssirilhom valutazzjoni tar-riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. M'għandhomx jiżgwidaw lill-konsumatur, u għalhekk il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq.
- (7) Sa mill-1999, il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel, u sussegwentement l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel, esprima opinjonijiet dwar numru ta' sustanzi li jseħħu b'mod naturali f'materjali mis-sors għall-*ħwawar* u għall-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir⁶ li, skond il-Kumitat ta' l-Esperti tas-Sustanzi ta' Taħwir tal-Kunsill ta' l-Ewropa, iqajmu tħassib tossikoloġiku. Sustanzi li għalihom kien ikkonfermat it-tħassib tossikoloġiku mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel għandhom jitqiesu bħala sustanzi mhux mixtieqa li bħala tali m'għandhomx jiġu miżjuda ma' l-ikel.
- (8) Minħabba li jseħħu b'mod naturali fil-pjanti, is-sustanzi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti fi preparazzjonijiet ta' taħwir u f'ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir. Tradizzjonalment, il-pjanti jintużaw bħala ikel jew bħala ingredjenti ta' l-ikel. Għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi xierqa għall-preżenza ta' dawn is-sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel li l-iktar li jikkontribwixxi għall-konsum mill-bniedem ta' dawn is-sustanzi, fejn jitqiesu kemm il-ħtieġa li tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem kif ukoll il-preżenza inevitabbli tagħhom fl-ikel tradizzjonali.
- (9) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet fuq livell Komunitarju biex ikun ipprojbit jew ristrett l-użu ta' ċerti materjali tal-pjanti jew ta' l-annimali li jqajmu tħassib għas-saħħa tal-bniedem fil-produzzjoni tal-*ħwawar* u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir u fl-applikazzjoni tagħhom fil-produzzjoni ta' l-ikel.
- (10) Għandhom isiru valutazzjonijiet tar-riskju mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel, li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-Awtorità", li għet stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-

⁶ http://europa.eu.int/comm/food/food/chemicalsafety/flavouring/scientificadvice_en.htm

Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel⁷.

- (11) Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-approvazzjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors li jeħtieġ li ssirilhom evalwazzjoni, għandhom jitwettqu skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru [...] li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel.⁸
- (12) Is-sustanzi ta' taħwir huma sustanzi li huma ddefiniti kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir. Għaddej programm ta' evalwazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir skond ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel⁹. Skond dak ir-Regolament għandha tiġi adottata lista ta' sustanzi ta' taħwir fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' dak il-programm. Għandha tiġi ffixxata skadenza għida għall-adozzjoni ta' dik il-lista. Il-lista se tiġi proposta ħalli tkun inkluża fil-lista li tissemma fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru. [...].
- (13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumex sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali u mill-minerali, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.
- (14) Ir-Regolament (KE) Nru. 178/2002 jiddefinixxi l-ikel bħala kwalunkwe sustanza, jew prodott, kemm jekk ipproċessat, ipproċessat b'mod parzjali jew mhux ipproċessat, li huwa maħsub, jew raġonevolment mistenni li jkun, għall-inġestjoni mill-bniedem jew le. Il-materjali ġejjin mill-veġetali, mill-annimali jew li għandhom oriġini mikrobijoloġika, li s'issa hemm evidenza sinifikanti li jintużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, għal dan l-iskop jitqiesu bħala materjali ta' l-ikel, anki jekk uħud minn dawn il-materjali mis-sors, bħalma huma *rose wood*, il-laqx mill-injam tal-ballut u l-weraq tal-frawli, jistgħu ma jkunux intużaw għall-ikel bħala tali. M'hemmx għalfejn jiġu evalwati.
- (15) Bl-istess mod, il-ħwawar li għaddew minn proċess termali li ġew prodotti mill-ikel f'kundizzjonijiet awtorizzati mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-ħwawar li għaddew minn proċess termali li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel jew li ġew

⁷ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1642/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4).

⁸ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁹ ĠU L 299, 23.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

prodotti f'kondizzjonijiet li ma ġewx awtorizzati għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

- (16) Ir-Regolament (KE) Nru. 2065/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel¹⁰, jistabbilixxi proċedura għall-valutazzjoni tas-sikurezza u l-approvazzjoni tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u għandu l-għan li jistabbilixxi lista ta' kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bl-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha.
- (17) Il-prekursuri tal-benna jagħtu l-benna lill-ikel permezz ta' reazzjonijiet kimiċi li jseħħu waqt l-ipproċessar ta' l-ikel. Il-prekursuri tal-benna li ġew prodotti mill-ikel mhemmx bżonn għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-prekursuri tal-benna li jiġu prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi vvalutata qabel l-approvazzjoni.
- (18) Ħwawar oħrajn li ma jaqgħux taħt id-definizzjonijiet tal-ħwawar li ssemmev qabel jistgħu jintużaw fl-ikel u fuq l-ikel wara li jkunu għaddew minn proċedura ta' evalwazzjoni u approvazzjoni.
- (19) Il-materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali, li n-natura tiegħu hija mikrobijoloġika jew minerali li mhux ikel jista' jiġi awtorizzat biss għall-produzzjoni tal-ħwawar wara li s-sikurezza tiegħu ġiet evalwata b'mod xjentifiku. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li jkun awtorizzat l-użu ta' ċerti partijiet biss tal-materjal jew li jiġu ffissati kondizzjonijiet għall-użu.
- (20) Ħwawar jew materjal mis-sors li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament¹¹ għandhom ikunu awtorizzati skond dak ir-Regolament, qabel ma jkun approvat taħt dan ir-Regolament.
- (21) Is-sustanzi ta' taħwir jew il-preparazzjonijiet ta' taħwir għandhom jiġu ttikkettati bħala 'naturali' jekk jikkonformaw ma' ċerti kriterji li jiżguraw li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.
- (22) Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' l-informazzjoni għandhom jiżguraw li l-konsumaturi ma jkunux żgwidati dwar il-materjal mis-sors użat għall-produzzjoni tal-ħwawar naturali. Ngħidu aħna, is-sors tal-vanillina miksuba mill-injam se jkollu jissemma.
- (23) Il-konsumaturi għandhom ikunu informati jekk it-togħma ta' affumikat ta' ikel partikolari hiex minħabba ż-żieda ta' ħwawar bl-affumikazzjoni. Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel¹², l-isem li bih jinbiegħ il-prodott m'għandux johlq konfużjoni lill-konsumatur dwar jekk il-prodott huwiex

¹⁰ ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.

¹¹ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

¹² ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/89/KE (ĠU L 308, 25.11.2003, p. 15).

affumikat b'mod konvenzjonali b'affumikazzjoni friska jew jekk huwiex ittrattat bil-ħwawar bl-affumikazzjoni. Din id-Direttiva jeħtieġ li tiġi adattata għad-definizzjonijiet tal-ħwawar, tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u tat-terminu 'naturali' għad-deskrizzjoni tal-ħwawar li ġew stabbiliti fir-Regolament preżenti.

- (24) Għall-evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi ta' taħwir minħabba s-saħħa tal-bniedem, l-informazzjoni dwar il-konsum u l-użu tas-sustanzi ta' taħwir hija kruċjali. L-ammonti ta' sustanzi ta' taħwir miżjuda ma' l-ikel għandhom għalhekk jiġu kkontrollati fuq bażi regolari.
- (25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni¹³.
- (26) L-Annessi II sa V għal dan ir-Regolament għandhom jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku.
- (27) Sabiex tkun żviluppata u aġġornata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-ħwawar b'mod proporzjonat u effettiv, huwa meħtieġ li tinġabar id-*data*, ikun hemm qsim ta' l-informazzjoni u tiġi kkoordinata l-ħidma bejn l-Istati Membri. Għal dak l-iskop, jista' jkun utli li jitwettqu studji biex ikunu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi bl-għan li jkun iffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Huwa xieraq li l-Komunità tiffinanzja studji bħal dawn bħala parti mill-proċedura baġitarja tagħha. Il-finanzjament ta' tali miżuri huwa kopert bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali eżegwiti biex jiżguraw il-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali¹⁴ u għalhekk il-bażi legali għall-finanzjament tal-miżuri ta' hawn fuq se tkun ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.
- (28) Sakemm titwaqqaf il-lista Komunitarja, għandu jsir provvediment għall-evalwazzjoni u għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir li mhumex koperti mill-programm ta' evalwazzjoni previst fir-Regolament (KE) Nru. 2232/96. Għalhekk għandu jiġi stabbilit reġim tranżitorju. Taħt dak ir-reġim, għandhom jiġu evalwati u approvati sustanzi ta' taħwir bħal dawn skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru. [ir-Regolament proċedurali]. Madankollu m'għandhomx japplikaw il-perjodi taż-żmien previsti f'dak ir-Regolament biex l-Awtorità tadotta l-opinjoni tagħha u biex il-Kummissjoni tissottometti abbozz ta' Regolament li jaġġorna l-lista Komunitarja mal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, għaliex għandha tingħata prijorità lill-programm ta' evalwazzjoni li jkun għaddej.
- (29) Billi l-għan ta' l-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli Komunitarji dwar l-użu ta' ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir fl-ikel u fuq l-ikel, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-unità tas-suq u l-livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif ġie stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif ġie

¹³ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

¹⁴ ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni korretta (ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu daww l-għanijiet.

- (30) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituz¹⁵ u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91 ta' l-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u *cocktails* aromatizzati magħmula mill-prodotti ta' l-inbid¹⁶ jeħtieġ li jiġu adattati għal ċerti definizzjonijiet ġodda li ġew stabbiliti fir-Regolament preżenti.
- (31) Ir-Regolamenti (KEE) Nru. 1576/89, (KEE) Nru. 1601/91 u (KE) Nru. 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE għandhom jiġu emendati skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹⁵ ĠU L 160, 12.6.1989, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

¹⁶ ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003.

KAPITOLU I

IS-SUĠĠETT, L-AMBITU U D-DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern u livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ta' ħarsien tal-konsumatur.

Għal dawk l-għanijiet, dan ir-Regolament jipprevedi:

- (a) lista Komunitarja ta' ħwawar u materjali mis-sors li ġew approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel, li ġiet stabbilita fl-Anness I ('il-lista Komunitarja);
- (b) il-kondizzjonijiet ta' l-użu tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir fl-ikel u fuq l-ikel;
- (c) ir-regoli dwar l-ittikkettar tal-ħwawar.

Artikolu 2

L-ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

- (a) il-ħwawar li jintużaw jew li huma maħsuba għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel, ħlief għall-ħwawar bl-affumikazzjoni li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 2065/2003;
- (b) l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;
- (c) l-ikel li fih ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;
- (d) il-materjali mis-sors għal ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

- (a) sustanzi li għandhom esklużivament toġhma ħelwa, qarsa jew mielħa;
- (b) ikel nej jew mhux kompost.

3. Fejn ikun meħtieġ, jista' jiġi deċiż skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 18(2) jekk sustanza jew taħlita ta' sustanzi, materjal jew tip ta' ikel partikolari jaqax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jew le.

Artkolu 3
Id-definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġew stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nri. 178/2002 u 1829/2003.
2. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:
 - (a) 'ħwawar' għandha tfisser prodotti:
 - (i) li mhumiex maħsuba biex jiġu kkonsmati bħala tali, li jiġu miżjudha ma' l-ikel sabiex jagħtu riħa u/jew toġhma;
 - (ii) li huma magħmulin jew li jikkonsistu mill-kategoriji li ġejjin: sustanzi ta' taħwir, preparazzjonijiet ta' taħwir, ħwawar li għaddew minn proċess termali, ħwawar bl-affumikazzjoni, prekursori tal-benna jew ħwawar oħra jew taħlitiet tagħhom;
 - (b) 'sustanza ta' taħwir' għandha tfisser sustanza ddefinita kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir;
 - (c) 'sustanza ta' taħwir naturali' għandha tfisser sustanza ta' taħwir li tinkiseb permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa minn materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu orġini mikrobijoloġika jew fl-istat nej jew wara li ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem permezz ta' wieħed jew iktar mill-proċessi ta' preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjonali li ġew elenkati fl-Anness II;
 - (d) 'preparazzjoni ta' taħwir' għandha tfisser prodott, għajr għal sustanza ta' taħwir, li nkiseb minn:
 - (i) ikel permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa jew fl-istat nej tal-materjal jew wara li ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem permezz ta' wieħed jew iktar mill-proċessi ta' preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjonali li ġew elenkati fl-Anness II u/jew mill-proċessi fiżiċi xierqa;u/jew
 - (ii) materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu orġini mikrobijoloġika, li mhux ikel, li nkiseb permezz ta' wieħed jew iktar mill-proċessi ta' preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjonali li ġew elenkati fl-Anness II u/jew mill-proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa;

- (e) ‘ħwawar li għaddew minn proċess termali’ għandha tfisser prodott li nkiseb wara trattament bis-sħana minn taħlita ta’ ingredjenti li mhux bilfors għandhom proprjetajiet ta’ taħwir huma stess, li minnhom għall-inqas wieħed fih in-nitroġenu (amminiku) u ieħor huwa zokkor li jnaqqas aġent ossidanti mhux qawwi (*reducing sugar*); l-ingredjenti għall-produzzjoni tal-ħwawar li għaddew minn proċess termali jistgħu jkunu;
- (i) ikel;
- u/jew
- (ii) materjal mis-sors li mhux ikel;
- (f) ‘ħwawar bl-affumikazzjoni’ għandha tfisser prodott li jinkiseb permezz tal-frazzjonament u tal-purifikazzjoni ta’ affumikazzjoni kondensata li tagħti kondensati primarji ta’ l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk u/jew ħwawar bl-affumikazzjoni derivat kif ġie ddefinit fil-punti (1), (2) u (4) ta’ l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 2065/2003;
- (g) ‘prekursur tal-benna’ għandha tfisser prodott, li mhux bilfors ikollu proprjetajiet ta’ taħwir huwa stess, li jiġi miżjud b’mod intenzjonali ma’ l-ikel għall-iskop waħdieni li tiġi prodotta benna billi jitkissru jew ikun hemm reazzjoni ma’ komponenti oħrajn waqt l-ipproċessar ta’ l-ikel; jista’ jinkiseb minn:
- (i) ikel;
- u/jew
- (ii) materjal mis-sors li mhux ikel;
- (h) ‘ħwawar oħrajn’ għandha tfisser ħwawar li ġew miżjuda jew kienu maħsuba biex jiġu miżjuda ma’ l-ikel sabiex jagħtu riħa u/jew toġhma u li ma jaqgħux taħt id-definizzjonijiet (b) sa (g);
- (i) ‘ingredjent ta’ l-ikel bi proprjetajiet ta’ taħwir’ għandha tfisser ingredjent ta’ l-ikel għajr għall-ħwawar li jistgħu jiġu miżjuda ma’ l-ikel bl-iskop prinċipali li tizzied il-benna jew tiġi mmodifikata l-benna ta’ l-ikel;
- (j) ‘materjal mis-sors’ għandha tfisser materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika jew minerali li minnu jiġu prodotti ħwawar jew ingredjenti ta’ l-ikel bi proprjetajiet ta’ taħwir; jista’ jkun:
- (i) ikel;
- jew
- (ii) materjal mis-sors li mhux ikel;

- (k) ‘proċess fiżiku xieraq’ għandha tfiggja proċess fiżiku li ma jmodifika b’mod intenzjonali n-natura kimika tal-komponenti tal-ħwawar u ma jinvolvi l-użu ta’ ossiġnu, ożonu, katalizzaturi inorganiċi, katalizzaturi metalliċi, reaġenti organometalliċi u/jew radjazzjoni UV b’membru wieħed (*singlet*).
3. Għall-iskop tad-definizzjonijiet li ġew elenkati fil-paragrafu 2 (e), (g) u (j), il-materjali mis-sors li sa dak iż-żmien hemm evidenza sinifikanti li ntużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, jitqiesu bħala ikel.
4. Fejn ikun meħtieġ, jista’ jiġi deċiż skond il-proċedura li tissewma fl-Artikolu 18(2) jekk sustanza partikolari taqax f’kategorija speċifika li hija elenkata fil-paragrafu 2(b) sa (j) jew le.

KAPITOLU II

IL-KONDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAL-ĦWAWAR, TA’ L-INGREDJENTI TA’ L-IKEL BI PROPRIETAJIET TA’ TAĦWIR U TAL-MATERJALI MIS-SORS

Artikolu 4

Il-kondizzjonijiet ġenerali għall-użu tal-ħwawar jew ta’ l-ingredjenti ta’ l-ikel bi proprietajiet ta’ taħwir

Il-ħwawar jew l-ingredjenti ta’ l-ikel bi proprietajiet ta’ taħwir li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel:

- (a) ibbażat fuq l-evidenza xjentifika disponibbli, mhumex ta’ periklu għas-saħħa tal-konsumatur;
- (b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur.

Artikolu 5

Il-preżenza ta’ ċerti sustanzi

1. Is-sustanzi li ġew elenkati fil-Parti A ta’ l-Anness III m’għandhomx jiġu miżjudi bħala tali ma’ l-ikel.
2. Il-livelli massimi ta’ ċerti sustanzi, li huma preżenti b’mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta’ l-ikel bi proprietajiet ta’ taħwir, fl-ikel kompost li huwa elenkat fil-Parti B ta’ l-Anness III m’għandhomx jinqabżu minħabba l-użu ta’ ħwawar u ingredjenti ta’ l-ikel bi proprietajiet ta’ taħwir f’dak l-ikel u fuq dak l-ikel.

Il-livelli massimi għandhom japplikaw għall-ikel kompost kif ikun offrut lest għall-konsum jew kif ikun ippreparat skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

3. Jistgħu jiġu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 skond il-proċedura li tissewma fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 6
L-użu ta' ċerti materjali mis-sors

1. Il-materjali mis-sors li huma elenkati fil-Parti A ta' l-Anness IV m'għandhomx jintużaw għall-produzzjoni ta' ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.
2. Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-materjali mis-sors li ġew elenkati fil-Parti B ta' l-Anness IV jistgħu jintużaw biss fil-kondizzjonijiet indikati f'dak l-Anness.

Artikolu 7
Il-ħwawar li għalihom mhumieħ meħtieġa evalwazzjoni u approvazzjoni

1. Il-ħwawar li ġejjin jistgħu jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel mingħajr approvazzjoni taħt dan ir-Regolament, sakemm ikunu konformi ma' l-Artikolu 4:
 - (a) il-preparazzjonijiet ta' taħwir li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(d)(i);
 - (b) il-ħwawar li għaddew minn proċess termali li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(e)(i) u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħwawar li għaddew minn proċess termali u mal-livelli massimi ta' ċerti sustanzi fil-ħwawar li għaddew minn proċess termali li ġew stabbiliti fl-Anness V;
 - (c) il-prekursuri tal-benna li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(g)(i);
 - (d) l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.
2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk il-Kummissjoni, Stat Membru jew l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel ('l-Aworità') tesprimi dubji dwar is-sikurezza tal-ħwawar jew ta' ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li jissemma fil-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tagħmel valutazzjoni tar-riskju ta' ħwawar jew ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir bħal dan. Imbagħad għandhom japplikaw *mutatis mutandis* l-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament (KE) Nru. [ir-Regolament proċedurali].

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri skond l-opinjoni ta' l-Awtorità, skond il-proċedura li tisemma fl-Artikolu 18(2). Miżuri bħal dawn għandhom ikunu stabbiliti fl-Annessi III, IV u/jew V kif jixraq.

KAPITOLU III

IL-LISTA KOMUNITARJA TAL-ĦWAWAR U TAL-MATERJALI MIS-SORS LI ĠEW APPROVATI GĦALL-UŻU FL-IKEL U FUQ L-IKEL

Artikolu 8

Il-ħwawar u l-materjali mis-sors li għalihom huma meħtieġa evalwazzjoni u approvazzjoni

Il-Kapitolu preżenti japplika:

- (a) għas-sustanzi ta' taħwir;
- (b) għall-preparazzjonijiet ta' taħwir li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(d)(ii);
- (c) għall-ħwawar li għaddew minn proċess termali li nkisbu billi jissaħħnu l-ingredjenti li jaqgħu, b'mod parzjali jew għalkollox, taħt l-Artikolu 3(2)(e)(ii) jew li għalihom ma ntlaħqux il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħwawar li għaddew minn proċess termali u l-livelli massimi għal ċerti sustanzi mhux mixtieqa li ġew stabbiliti fl-Anness V;
- (d) għall-prekursuri tal-benna li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(g)(ii);
- (e) għal ħwawar oħrajn li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(h);
- (f) għall-materjali mis-sors, li mhumieks ikel, li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(j)(ii).

Artikolu 9

Il-lista Komunitarja tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors

Mill-ħwawar u mill-materjali mis-sors li jissemmew fl-Artikolu 8, dawk biss li huma inklużi fil-lista Komunitarja jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jistgħu jintużaw fl-ikel u fuq l-ikel.

Artikolu 10

L-inklużjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors fil-lista Komunitarja

1. Il-ħwawar jew il-materjal mis-sors jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja, skond il-proċedura li ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru.[il-proċedura komuni], biss jekk jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġew stabbiliti fl-Artikolu 4.
2. L-annotazzjoni għall-ħwawar jew għal materjal mis-sors fil-lista Komunitarja għandha tispeċifika:
 - (a) l-identifikazzjoni tal-ħwawar jew tal-materjal mis-sors approvat;
 - (b) fejn ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu użati l-ħwawar.

3. Il-lista Komunitarja għandha tiġi emendata skond il-proċedura li tissewma fir-Regolament (KE) Nru. [...] li tistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-additivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel.

Artikolu 11

Il-ħwawar jew il-materjali mis-sors li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003

Il-ħwawar jew il-materjal mis-sors li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003 jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja biss wara li jkunu ġew awtorizzati skond il-proċedura li tissewma fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003.

KAPITOLU IV

L-ITTIKKETTAR

TAQSIMA 1

L-ITTIKKETTAR TAL-ĦWAWAR LI MHUMIEX MAĦSUBA GĦALL-BEJGĦ LILL-KONSUMATUR FINALI

Artikolu 12

L-ittikkettar tal-ħwawar li mhumieħ maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

Il-ħwawar li mhumieħ maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar, il-kontenituri jew id-dokumenti meħmuża tagħhom għandu fuqu l-informazzjoni prevista fl-Artikoli 13 u 14, li trid tkun viżibbli faċilment, tinqara b'mod ċar u indelibbli.

Artikolu 13

Ir-rekwiżiti ġenerali ta' l-informazzjoni għall-ittikkettar tal-ħwawar

1. L-ippakkjar jew il-kontenituri tal-ħwawar li mhumieħ maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali għandu jkollu fuqu l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) id-deskrizzjoni tal-bejgħ: jew it-terminu 'ħwawar' jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar;
 - (b) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indrizz tal-manifattur jew tal-persuna li tippakkja, jew ta' bejjieġħ;
 - (c) id-dikjarazzjoni jew 'għall-użu fl-ikel' jew id-dikjarazzjoni 'użu ristrett fl-ikel' jew referenza iktar speċifika għall-użu maħsub tiegħu fl-ikel;

- (d) lista fl-ordni mill-kbir għaż-żgħir tal-piż ta':
 - (i) il-kategoriji tal-ħwawar preżenti; u
 - (ii) l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott jew, fejn ikun xieraq, il-kodiċi E tagħhom;
 - (e) indikazzjoni tal-kwantità massima ta' kull komponent jew grupp ta' komponenti li hija soġġetta għal limitazzjoni kwantitativa fl-ikel u/jew għal informazzjoni xierqa f'termini ċari u li jinfteħmu faċilment li jippermettu li-xerrej li jikkonforma ma' dan ir-Regolament jew ma' leġislazzjoni Komunitarja oħra rilevanti;
 - (f) jekk ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet speċjali għall-ħażna u għall-użu;
 - (g) data sakemm l-inqas li jistgħu jżommu;
 - (h) marka li tidentifika l-grupp jew il-lott;
 - (i) il-kwantità netta.
2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-informazzjoni meħtieġa fil-punti (c) sa (g) ta' dak il-paragrafu tista' tidher biss fuq id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-konsenja li għandhom ikunu pprovduti ma' jew qabel il-konsenja, sakemm l-indikazzjoni 'maħsuba għall-manifattura ta' ikel u mhux għall-bejgħ bl-imnut' tidher fuq parti ta' l-ippakkjar jew tal-kontenitur tal-prodott ikkonċernat li hija viżibbli faċilment.

Artikolu 14

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' l-informazzjoni għad-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-ħwawar

1. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss biex ikunu deskritti l-ħwawar fid-deskrizzjoni tal-bejgħ li tissemma fl-Artikolu 13(1)(a) kif previst fil-paragrafi 2 sa 6.
2. It-terminu 'naturali' għad-deskrizzjoni tal-ħwawar tista' tintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir jinkludi biss preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi naturali ta' taħwir.
3. It-terminu "sustanza(i) ta' taħwir naturali" jista' jintuża biss għall-ħwawar fejn il-komponent ta' taħwir fih esklużivament sustanzi naturali ta' taħwir.
4. It-terminu 'naturali' jista' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir ta' veġetali jew annimali, jekk mill-inqas 90% [w/w] tal-komponent ta' taħwir inkiseb mill-materjal mis-sors imsemmi.

Il-komponent ta' taħwir jista' jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali.

Id-deskrizzjoni għandha taqra "ħwawar <<ikel jew kategorija ta' l-ikel jew sors(i) ta' l-ikel>> naturali".

5. “Ħwawar <<ikel jew kategorija ta’ l-ikel jew sors(i) ta’ l-ikel>> naturali bi ħwawar naturali oħra” tista’ tintuża biss jekk il-komponent ta’ taħwir ġej b’mod parzjali mill-materjal mis-sors imsemmi u li jista’ jingħaraf faċilment.

Il-komponent ta’ taħwir jista’ jkun fih preparazzjonijiet ta’ taħwir u/jew sustanzi ta’ taħwir naturali.

6. It-terminu “sustanza ta’ taħwir naturali” jista’ jintuża biss jekk il-komponent ta’ taħwir ġej minn materjali mis-sors differenti u fejn referenza għall-materjali mis-sors m’għandix tirrifletti l-benna jew it-togħma tagħhom.

Il-komponent ta’ taħwir jista’ jkun fih preparazzjonijiet ta’ taħwir u/jew sustanzi ta’ taħwir naturali.

TAQSIMA 2

L-ITTIKKETTAR TAL-ĦWAWAR MAĦSUBA GĦALL-BEJGĦ LILL-KONSUMATUR FINALI

Artikolu 15

L-ittikkettar tal-ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, il-ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom fih id-dikjarazzjoni jew ‘għall-użu fl-ikel’ jew id-dikjarazzjoni ‘użu ristrett fl-ikel’ jew referenza iktar speċifika għall-użu maħsub tagħhom fl-ikel, li trid tkun viżibbli faċilment, tinqara b’mod ċar u indelibbli.
2. It-terminu ‘naturali’ għandu jintuża biex jiġu deskritti l-ħwawar fid-deskrizzjoni tal-bejgħ li tissemma fl-Artikolu 13(1)(a) biss kif inhu previst fl-Artikolu 14.

KAPITOLU V

ID-DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI U L-IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 16

Ir-rappurtaġġ mill-operaturi tal-kummerċ fl-ikel

1. L-operaturi tal-kummerċ fl-ikel jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-ammonti annwali ta’ sustanzi ta’ taħwir li ġew miżjuda ma’ l-ikel fil-Komunità u l-livelli ta’ l-użu għal kull kategorija ta’ l-ikel fil-Komunità.
2. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 17
Il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi biex jimmonitorjaw il-konsum u l-użu tal-ħwawar li huma stabbiliti fil-lista Komunitarja u l-konsum tas-sustanzi li huma elenkati fl-Anness III u kull sena għandhom jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Awtorità.
2. Wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Awtorità, tista' tiġi adottata metodoloġija komuni għall-ġbir ta' l-informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-konsum u l-użu tal-ħwawar li ġew stabbiliti fil-lista Komunitarja u tas-sustanzi elenkati fl-Anness III, skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 18
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali (minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ 'il-Kumitat').
2. Fejn ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffixsat għal tliet xhur.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 19
L-emendi għall-Annessi II sa V

Għandhom jiġu adottati l-emendi għall-Annessi II sa V għal dan ir-Regolament sabiex jirriflettu l-progress xjentifiku u tekniku skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 20
Il-finanzjament Komunitarju ta' politika armonizzata

Il-bażi legali għall-iffinanzjar ta' miżuri li jirriżultaw min dan ir-Regolament huwa l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

KAPITOLU VI

ID-DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 21

Ir-revoki

1. Id-Direttiva 88/388/KEE, id-Deċizzjoni 88/389/KEE u d-Direttiva 91/71/KEE huma revokati.

Ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 huwa revokat mid-data ta' l-applikazzjoni tal-lista li tissemma fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.
2. Ir-referenzi għall-atti revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 22

L-istabbiliment tal-lista Komunitarja tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors u tar-reġim tranżitorju

1. Il-lista Komunitarja għandha tiġi stabbilita billi titqiegħed il-lista tas-sustanzi ta' taħwir li tissemma fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru. 2232/96 fl-Anness I għal dan ir-Regolament waqt l-adozzjoni tiegħu.
2. Sakemm tiġi stabbilita l-lista Komunitarja, għandu japplika r-Regolament (KE) Nru. [...] [il-proċedura komuni] għall-evalwazzjoni u għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir li mhumex koperti mill-programm ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru. 2232/96.

Bħala deroga minn dik il-proċedura, il-perjodi taż-żmien ta' sitt xhur u ta' disa' xhur li jissemmew fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru. [...] [il-proċedura komuni] m'għandhomx japplikaw għal evalwazzjoni u approvazzjoni bħal dawn.
3. Tista' tiġi adottata kwalunkwe miżura tranżitorja xierqa skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 23
L-emenda għar-Regolament (KEE) Nru. 1576/89

Ir-Regolament (KEE) Nru. 1576/89 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1(4)(m) huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt (1)(a), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Sustanzi ta' taħwir oħrajn kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...], u/jew pjanti aromatiċi jew partijiet minn pjanti aromatiċi jistgħu jintużaw bħala żieda, imma l-karatteristiċi organolettiċi tal-ġnibru jridu jkunu dixxernibbli, anki jekk xi kultant ikunu mdgħajfa.

(b) Il-Punt 2(a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Ix-xarba tista' tissejjaħ 'ġinn' jekk tiġi prodotta billi alkoħol etiliku xieraq ta' oriġini agrikola jiġi ttaħwir b'mod organolettiku b'sustanzi ta' taħwir kif ġew iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...] u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament sabiex it-togħma tkun b'mod predominanti dik ta' ġnibru.”

(c) Fil-punt 2(b), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Ix-xarba tista' tissejjaħ 'ġinn distillat' jekk tiġi prodotta biss permezz tar-ridistillazzjoni b'mod organolettiku ta' alkoħol etiliku xieraq ta' oriġini agrikola ta' kwalità xierqa b'qawwa alkoħolika inizjali ta' mill-inqas 96% vol. f'imqatar li tradizzjonalment jintużaw għall-ġinn, fil-preżenza tal-frott tal-ġnibru u ta' materjali botaniċi naturali oħrajn sakemm it-togħma tal-ġnibru tkun predominanti. It-terminu 'ġinn iddistillat' jista' japplika wkoll għal taħlita tal-prodott ta' distillazzjoni bħal din u ta' l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola bl-istess kompożizzjoni, purità u qawwa alkoħolika. Is-sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...] u/jew il-preparazzjonijiet ta' taħwir kif speċifikati fl-(a) jistgħu jintużaw ukoll sabiex iħawwru lill-ġinn iddistillat. Il-ġinn ta' Londra huwa tip ta' ġinn distillat.”

2. Fl-Artikolu 1(4)(n)(1), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Sustanzi ta' taħwir oħrajn kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...] u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament jistgħu jintużaw ukoll, imma jrid ikun hemm togħma predominanti ta' anisi.”

3. Fl-Artikolu 1(4)(p), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Ix-xorb spirituw li b'mod predominanti għandu togħma morra li ġie prodott billi l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola ttaħwir b'sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...] u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament.”

4. Fl-Artikolu 1(4)(u), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Xarba spirituża li ġiet prodotta billi tħawwar l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola b'toġhma ta' msiemer tal-qronfol u/jew kannella billi ntuża wieħed mill-proċessi li ġejjin: il-maċerazzjoni u/jew id-distillazzjoni, ir-ridistillazzjoni ta' l-alkoħol fil-preżenza tal-partijiet tal-pjanti li ġew speċifikati iktar 'il fuq, iż-żieda ta' sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...] ta' l-imsiemer tal-qronfol jew tal-kannella jew kombinazzjoni ta' dawn il-metodi”.
5. Fl-Artikolu 4(5), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, minbarra l-listi fil-punti (a) u (b), għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“Is-sustanzi ta' taħwir naturali u l-preparazzjonijiet ta' taħwir biss kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) Nru. [...] jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tax-xorb spirituż iddefinit fl-Artikolu 1(4), ħlief fil-każ ta' dawk iddefiniti fl-Artikolu 1 (4) (m), (n) u (p).

Madankollu, is-sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru. [...] u l-preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu awtorizzati fil-produzzjoni tal-likers ħlief dawk li ssemew aktar 'l isfel.”

Artikolu 24
L-emenda għar-Regolament (KEE) Nru. 1601/91

L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

1. Fil-punt (a), l-ewwel subinċiż tat-tielet inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“— sustanzi ta' taħwir u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) Nru. [...], u/jew”
2. Fil-punt b), l-ewwel subinċiż tat-tieni inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“— sustanzi ta' taħwir u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) Nru. [...], u/jew”
3. Fil-punt (c), l-ewwel subinċiż tat-tieni inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“— sustanzi ta' taħwir u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) Nru. [...], u/jew”

Artikolu 25
L-emenda għar-Regolament (KE) Nru. 2232/96

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru. 2232/96, l-ewwel paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

- “1. Għandha tiġi adottata l-lista tas-sustanzi ta' taħwir li jissemmew fl-Artikolu 2(2) skond il-proċedura li tisemma fl-Artikolu 7 sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.”

Artikolu 26
L-emenda għad-Direttiva 2000/13/KE

Fid-Direttiva 2000/13/KE, l-Anness III għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“L-Anness III

L-GĦAŻLA TAL-ĦWAWAR FIL-LISTA TA' INGREDJENTI

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-ħwawar għandhom ikunu indikati bit-termini
 - “ħwawar” jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar, jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b), (d), (e), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru. [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-ħwawar];
 - “ħwawar bl-affumikazzjoni” jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif iddefiniti fl-Artikolu 3 (2) (f) tar-Regolament KE Nru [...] [ir-Regolament dwar il-ħwawar] u jagħti benna ta' affumikat lill-ikel.
 2. It-terminu ‘naturali’ għad-deskrizzjoni tal-ħwawar għandu jintuża kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru. [...] [ir-Regolament dwar il-ħwawar].”
- * ĠU L [...], [...], [...]

Artikolu 27
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin għurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill- [jekk jogħġbok niżżel id-data] [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Madankollu, l-Artikoli 9, 23 u 24 għandhom japplikaw mid-data ta' l-applikazzjoni tal-lista Komunitarja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Il-lista Komunitarja tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel

ANNEX II

Il-lista ta' proċessi għall-preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjoni li permezz tagħhom jinkisbu sustanzi ta' taħwir naturali u preparazzjonijiet ta' taħwir naturali

Qtugħ fi bċejjeċ	Kisi
Tisjir, ħami, qali (sa 240°C)	Tkessiħ
Qtugħ	Distillazzjoni / rettifikazzjoni
Tnixxif	Emulsifikazzjoni
Evaporazzjoni	Estrazzjoni, inkluża l-estrazzjoni tas-solventi
Fermentazzjoni	Filtrazzjoni
Thin	Tisħin
Infużjoni	Maċerazzjoni
Proċessi Mikrobijoloġiċi	Taħlit
Tqaxxir	Perkolazzjoni
Għafis	Tkessiħ/Iffriżar
Inkaljar/Iggriljar	Tgħasir
Tgħaddis	

ANNEX III

Il-preżenza ta' ċerti sustanzi

Parti A: Is-sustanzi li ma jistgħux jiġu miżjuda bħala tali ma' l-ikel

L-Aċidu agariku

Il-Kapsajkin

L-Ipericin

Il-Beta-asarone

L-1-Allyl-4-methoxybenzene

L-Aċidu idroċijaniku

Il-Menthofuran

L-4-Allyl-1,2-dimethoxybenzene

Il-Pulegone

Il-Kassin

L-1-Allyl-3,4-methylene dioxy benzene, safrole

It-Teucrin A

It-Tujone (alfa u beta)

Parti B: Il-livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li jkunu preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, f'ċertu ikel kompost li miegħu ġew miżjuda l-ħwawar u/jew l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir

L-isem tas-sustanza	L-ikel kompost li fih il-preżenza tas-sustanza hija ristretta	Il-livell massimu [mg/kg]
Il-Beta-asarone	Ix-xorb alkoħoliku	1.0
L-1-Allyl-4-methoxybenzene,	Il-prodotti tal-ħalib	50
	Il-frott, il-veġetali (inklużi l-faqqieġh, il-fungi, l-għeruq, it-tuberi, il-pjanti tal-miżwed u tal-legumi), il-ġewż u ż-żrieragħ	50
	Il-prodotti tal-ħut	50
	Ix-xorb mhux alkoħoliku	10

L-Aċidu idroċijaniku	Il-qubbajt, il-marżipan jew is-sostituti tiegħu jew prodotti simili	50
	Il-frott ta' l-għadma fil-landi	5
	Ix-xorb alkoħoliku	35
Il-Menthofuran	Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	500
	Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs ¹⁷	3000
	Iċ-ċjuwing ġamm	1000
	Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	200
L-4-Allyl-1,2-dimethoxybenzene,	Il-prodotti tal-ħalib	20
	Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inklużi t-tjur u s-selvaġġina	15
	Il-ħut u l-prodotti tal-ħut	10
	Is-sopop u z-zlazi	60
	L-ikel mhux ħelu lest biex jittiekel.	20
	Ix-xorb mhux alkoħoliku	1
Il-Pulegone	Il-ħelu li fih il-menta/pepermint, ħlief il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs	250
	Il-ħelu żgħir li jiffriska n-nifs ¹⁷	2000
	Iċ-ċjuwing ġamm	350
	Ix-xorb mhux alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	20
	Ix-xorb alkoħoliku li fih il-menta/pepermint	100

¹⁷ Konfettura b'toġhma qawwija; il-piż ta' kull konfettura ma jaqbiżx il-1 g.

Il-Kassin	Ix-xorb mhux alkoħoliku	0,5
	L-oġġetti tal-bejġ tal-furnara	1
	Ix-xorb alkoħoliku	1.5
L-1-Allyl-3,4-methylene dioxy benzene, safrole	Il-laħam u l-prodotti tal-laħam, inkluż t-tjur u s-selvaġġina	15
	Il-ħut u prodotti tal-ħut	15
	Is-sopop u z-zlazi	25
	Ix-xorb mhux alkoħoliku	1
It-Teucrin A	Ix-xorb alkoħoliku	2
It-Tujone (alfa and beta)	Ix-xorb alkoħoliku, ħlief dak prodott mill-ispeċi <i>Artemisia</i>	10
	Ix-xorb alkoħoliku, prodott mill-ispeċi <i>Artemisia</i>	35

ANNEX IV

Il-lista tal-materjali mis-sors li għalihom japplikaw ir-restrizzjonijiet dwar l-użu tagħhom fil-produzzjoni tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir

Parti A: Il-materjali mis-sors li m'għandhomx jintużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir

Il-materjal mis-sors	
L-isem bil-Latin	L-isem komuni
Il-forma tetraplojda ta' <i>Acorus calamus</i>	Il-forma tetraplojda ta' <i>Calamus</i>

Parti B: Il-kondizzjonijiet ta' l-użu għall-ħwawar u għall-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti minn ċerti materjali mis-sors

Il-materjal mis-sors		Il-kondizzjonijiet ta' l-użu
L-isem bil-Latin	L-isem komuni	
<i>Quassia amara</i> L. u <i>Picrasma excelsa</i> (Sw)	Kwassja	Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-materjal mis-sors jistgħu jintużaw biss għall-produzzjoni tax-xorb u ta' l-oġġetti tal-bejgħ tal-furnara.
<i>Laricifomes officinalis</i> (Vill.: Fr) <i>Kotl. et Pouz</i> <i>Jew</i> <i>Fomes officinales</i>	Faqqiegħ agariku abjad	
<i>Hypericum perforatum</i>	<i>St Johns wort</i> (xorta ta' fexfiex)	
<i>Teucrium chamaedrys</i>	Il-germandrija	

ANNEX V

Il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni tal-ħwawar li għaddew minn proċess termali u l-livelli massimi għal ċerti sustanzi fil-ħwawar li għaddew minn proċess termali

Parti A: Il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni:

- (a) It-temperatura tal-prodotti waqt l-ipproċessar m'għandhiex taqbeż l-180°C.
- (b) It-tul taż-żmien ta' l-ipproċessar termali m'għandux jaqbeż il-15-il minuta f' temperatura ta' 180°C b'ħinijiet itwal li jikkorrispondu għal temperaturi iktar baxxi, jiġifieri rduppar tal-ħin tat-tisħin għal kull tnaqqis fit-temperatura b'10°C, sa massimu ta' 12-il siegħa.
- (c) Matul l-ipproċessar il-pH m'għandux jaqbeż l-valur ta' 8.0.

Parti B: Il-livelli massimi għal ċerti sustanzi

Is-sustanza	Il-livelli massimi µg / kg
2-amino-3,4,8-trimethylimidazo [4,5-f] quinoxaline (4,8-DiMeIQx)	50
2-amino-1-methyl-6-phenylimidazol [4,5-b]pyridine (PhIP)	50

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi ta' l-ikel.

2. IL-QAFAS ABM / EBA

Il-qasam/oqsma ta' politika in kwistjoni: Is-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur

L-attività/attivitàjiet: Is-Sikurezza Alimentari, Saħħet l-Annimali, il-Benessri ta' l-Annimali u Saħħet il-Pjanti

3. IL-LINJI BAĠITARJI

3.1. Linji Baġitarji (linji operattivi u linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (ex- linji B..A)) li jinkludu l-intestaturi :

17.01.04.05: Is-sikurezza ta' l-għalf u l-ikel u attivitàjiet relatati — In-nefqa għall-ġestjoni amministrattiva.

3.2. Tul ta' żmien ta' l-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

Terminu miftuħ

3.3. Il-karatteristiċi baġitarji (żid ir-ringieli jekk ikun meħtieġ):

Il-linja baġitarja	It-Tip ta' nefqa		Ġdid	Il-kontribut ta' l-EFTA	Il-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
17.01.04.05	Obblig./	Diff ¹⁸	LE	LE	LE	Nru 1a

Jista' jkun utli li jitwettqu studji biex tinġabar id-*data*, ikun hemm qsim ta' informazzjoni u jkun ikkoordinat ix-xogħol bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata u aġġornata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-addittivi ta' l-ikel b'mod proporzjonat u effettiv. Din it-tip ta' nefqa ta' appoġġ, kif indikat taħt il-punti 4.1 u 8.1, hija koperta bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, fi ħdan l-ammonti previsti għall-implimentazzjoni tagħha matul l-2007/2013.

¹⁸ Appropriazzjonijiet differenzjati.

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)

Miljuni EUR (sat-tielet punt deċimali)

It-tip ta' nefqa	Sezzjon i Nru.		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
------------------	----------------	--	--------	-------	-------	-------	-------	--------------	-------

In-nefqa ta' l-operat¹⁹

L-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1	a	0.1	0.05	0.05	0.05	0.05	0.05	0.35
L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)		b	0.1	0.05	0.05	0.05	0.05	0.05	0.35

In-nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza²⁰

L-għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
--	--------	---	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

L-appropriazzjonijiet għall-impenji		a+c	0.1	0.05	0.05	0.05	0.05	0.05	0.35
L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet		b+c	0.1	0.05	0.05	0.05	0.05	0.05	0.35

¹⁹ In-nefqa ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titlu xx ikkonċernat.

²⁰ Nefqa fi ħdan l-Artikolu xx 01 04 tat-Titlu xx.

In-nefqa amministrattiva mhix inkluża fl-ammont ta' referenza²¹

Ir-riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d							
L-ispejjeż amministrattivi, barra l-ispejjeż tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e							

In-nefqa finanzjarja totali indikattiva ta' l-intervenzjoni

TOTAL ta' l-AI li jinkludi l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani		a+c +d+ e	0.1	0.05	0.05	0.05	0.05	0.05	0.35
TOTAL ta' l-AH li jinkludi l-ispejjeż tar-Riżorsi Umani		b+c +d+ e	0.1	0.05	0.05	0.05	0.05	0.05	0.35

Id-dettalji dwar il-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi l-kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tkun indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jkunu miżjuda linji addizzjonali jekk huma previsti korpi differenti li jipprovdu l-kofinanzjament):

Miljuni EUR (sat-tielet punt deċimali)

Il-korp ta' kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
.....	f							
TOTAL ta' l-AI li jinkludi l-kofinanzjament	a+c +d+ e+f							

²¹

Nefqa skond il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

4.1.2. Il-kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja

- × Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- ☐ Il-proposta sejra tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- ☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali ²² (i.e. strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- × Il-proposta ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul
- ☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

NB: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu tal-kalkolu ta' l-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat

Miljuni ta' EUR (sa l-ewwel punt deċimali)

Il-linja baġitarja	Id-dħul	Qabell-azzjoni[Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ²³
	(a) Id-dħul f'termini assoluti							
	(b) Il-bidla fid-dħul	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika l-linja baġitarja tad-dħul involuta, u żid in-numru xieraq ta' ringieli mat-tabella jekk ikun hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

4.2. Ir-Riżorsi Umani FTE (inkluż l-istaff uffiċjali, temporanju u estern) - ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Ir-rekwiżiti annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
In-numru totali ta' riżorsi umani	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4

²² Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

²³ Kolonni addizzjonali għandhom jiżiedu jekk meħtieġa i.e. jekk l-azzjoni ddum aktar minn 6 snin.

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

Id-dettalji tal-kuntest tal-proposta huma meħtieġa fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Din is-sezzjoni tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġislattiva għandha tinkludi l-informazzjoni speċifika komplementari li ġejja:

5.1. Il-ħtieġa li għandha tintlaħaq f'qasir żmien jew fit-tul

Il-leġislazzjoni dwar l-addittivi ta' l-ikel hija armonizzata fi ħdan l-UE. Bħalissa hemm madwar 330 addittiv ta' l-ikel permissibbli skond il-leġislazzjoni u r-rikjesti sabiex jiġu permessi addittivi addizzjonali jew użi ġodda għall-addittivi qegħdin jitressqu kontinwament. Meta jiġu assessjati l-addittivi l-ġodda u l-użi addizzjonali ta' l-addittivi, id-dejta dwar l-użu hija meħtieġa għad-deċiżjonijiet li jimmaniġġjaw ir-riskju.

Sabiex tiġi assicurata l-proporzjonalità tal-miżuri implimentattivi li se jittieħdu fil-qafas tar-regolament propost u sabiex jiġu ssodisfati l-għanijiet tar-Regolament (KE) 882/2004 dwar il-kontrolli uffiċjali ta' l-għalf u l-ikel, ikunu għaldaqstant meħtieġa l-istrumenti li ġejjin:

- *Database* adattata għall-għbir u l-ħażna ta' l-informazzjoni kollha konnessa mal-leġislazzjoni Kommunitarja dwar l-addittivi ta' l-ikel,
- l-organizzazzjoni ta' l-istudji neċessarji għat-tnejn u l-iżvilupp tal-leġislazzjoni dwar l-addittivi ta' l-ikel,
- l-organizzazzjoni ta' l-istudji neċessarji sabiex jiġu armonizzati l-proċeduri, il-kriterji tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ħtiġijiet ta' dejta, sabiex jiġi ffaċilitat il-mod kif il-ħidma tinqasam bejn l-Istati Membri u sabiex tiġi żviluppata gwida f'dawn l-oqsma

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involvement tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

Id-dejta u l-informazzjoni miksuba se jgħinu sabiex jiżguraw l-aħjar protezzjoni ta' saħħet il-konsumatur filwaqt li jippermettu lill-industrija tkompli tiżviluppa u tuża l-addittivi ta' l-ikel.

Fis-suq armonizzat dan jista' jinkiseb biss permezz ta' strateġija koordinata li tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni komparabbli bejn l-Istati Membri.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-għan 1: Il-ħolqien u l-manteniment ta' *database* u l-organizzazzjoni ta' l-istudji relatati b'kollaborazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet esterni li għandhom jintgħażlu permezz ta' proċeduri adatti.

L-għan 2: Li jiġi żgurat li l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel ma jwassalx għal riskji mhux aċċettabbli għall-konsumatur u li fl-istess waqt l-industrija ma tittaqqalx b'piżijiet bla bżonn.

L-għan 3: Li jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-immaniġġjar tar-riskji msejsa fuq estimi xierqa tal-konsum permezz ta' *database* ċentralizzata li jkun fiha informazzjoni aġġornata dwar il-kompożizzjoni u l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel.

5.4. Metodu ta' l-implimentazzjoni (indikattiv)

X *Ġestjoni Ċentralizzata*

X direttament mill-Kummissjoni

☐ indirettament b'delega lil:

☐ Aġenziji eżekuttivi

☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

☐ korp/i nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

☐ ***Ġestjoni konġunta u deċentralizzata***

☐ ma' l-Istati Membri

☐ ma' Pajjiżi Terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (speċifika liema)***

Kummenti rilevanti:

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' sorveljanza

Il-kontenut tad-*database* u l-konklużjonijiet tar-riżultati ta' l-istudji jistgħu jiġu mmonitorjati permezz ta' l-uża tagħhom għall-proponiment ta' miżuri implimentattivi tajbin. Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali se jservi ta' strument bażiku.

6.2. L-evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

In-nefqa antiċipata mhijiex sinifikanti u għalhekk id-dejta għal evalwazzjoni *ex ante* mhijiex preżentement disponibbli.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (taġlimiet miksuba permezz ta' esperjenzi simili fl-imġhoddi)

6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Jinsabu għaddejjin bħalissa fir-rigward tal-ħtieġa li jsiru proposti għall-miżuri implimentattivi.

7. IL-MIŻURI TA' KONTRA L-FRODI

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

(L-intestaturi ta' l-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati għandhom ikunu pprovduti)	It-tip ta' riżultati	L-ispiża. Medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		TOTAL	
			Nru ta' riżultati	L-ispiża totali	Nru ta' riżultati	L-ispiża totali	Nru ta' riżultati	L-ispiża totali	Nru ta' riżultati	L-ispiża totali	Nru ta' riżultati	L-ispiża totali	Nru ta' riżultati	L-ispiża totali	Nru ta' riżultati	L-ispiża totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru.1 ²⁴			1	0.1 ²⁵	1	0.05 ²⁶	1	0.05	1	0.05	1	0.05	1	0.05	6	0.35
L-ISPIŻA TOTALI			1	0.1	1	0.05	1	0.05	1	0.05	1	0.05	1	0.05	6	0.35

²⁴ Kif deskritt fis-Sezzjoni 5.3.

²⁵ Il-ħolqien tad-*database*.

²⁶ L-aġġornament u l-manteniment tad-*database*, u l-organizzazzjoni ta' l-istudji relatati.

8.2. In-Nefqa Amministrattiva

8.2.1. In-numru u t-tip ta' riżorsi umani

It-tipi ta' xogħol		Staff li għandu jkun assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni billi jintużaw riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (numru ta' postijiet/FTEs)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew staff temporanju ²⁷ (17 01 01)	A*/AD	0.2	0.2	0.2	0.2	0.2	0.2
	B*, C*/AST	0.2	0.2	0.2	0.2	0.2	0.2
Staff iffinanzjat ²⁸ taħt l-Artikolu XX 01 02							
Staff ieħor iffinanzjat ²⁹ taħt l-Artikolu XX 01 04/05							
TOTAL		0.4	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4

8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

L-eżaminazzjoni tar-rapporti tekniċi u finanzjarji, il-preparazzjoni ta' l-impenji u l-passaġġ għall-ħlas

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

Meta jissemma' iktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika n-numru ta' postijiet li joriġinaw minn kull wieħed minnhom

- X Karigi attwalment allokat li għandhom jinbidlu jew jiġu estiżi
- ☐ Karigi allokat minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- ☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- ☐ Karigi li għandhom jiġu organizzati mill-ġdid permezz tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (rijallokazzjoni interna)
- ☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhumiex previsti fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena kkonċernata

²⁷ L-ispiża MHIJEX koperta mis-somma ta' referenza.

²⁸ L-ispiża MHIJEX koperta mis-somma ta' referenza.

²⁹ Spiża li hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

~~8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)~~

Miljuni EUR (sat-tielet punt deċimali)

Il-linja baġitarja (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1. Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż konnessi ma' l-istaff ikkonċernat)							
Aġenziji eżekuttivi ³⁰							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra:							
– intra muros							
– extra muros							
It-total ta' l-ghajjnuna teknika u amministrattiva							

~~8.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza~~

Miljuni EUR (sat-tielet punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
L-uffiċjali u l-istaff temporanju (XX 01 01)						
L-istaff iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02 (awżiljaru, END, staff bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja baġitarja)						
L-ispiża totali tar-Riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX fl-ammont ta' referenza)						

Kalkolu - *Uffiċjali u Aġenti Temporanji*

³⁰

Għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva speċifika għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva(i) kkonċernata(i).

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli

Kalkolu - *Staff iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 02*

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli

8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza

Miljuni EUR (sat-tielet punt deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati ³¹							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' l-Informatika							
2. Total tan-Nefqa ta' Ġestjoni Oħra(XX 01 02 11)							
3. Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika filwaqt li tindika l-linja baġitarja)							
Nefqa Amministrattiva totali, ħlief tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX inklużi fl-ammont ta' referenza)							

Kalkolu - *Spejjeż amministrattivi oħra li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

³¹ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.